# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Awwissu 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 577/2022 JVC**

**Mc Ben's Limited (C13264)**

**vs**

**Jason Camilleri u Jason's Cab Service and Car Rental/Leasing Ltd (C-70112)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat bil-procedura tal-giljottina fejn is-socjeta' rikorrenti Mc Ben's Limited ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi b'kuntratt tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-13 ta' April 2022, l-esponenti akkwistat b'titolu ta' *datio in solutum* minghand il-kumpanija Da Manwel Limited (C-24158) il-garaxx 41, Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar.

2. Illi dan il-garaxx jinsab okkupat mill-intimat Jason Camilleri u uzat ghall-iskopijiet kummercjali tas-socjeta' intimata Jason's Cab Service and Car Rental/Leasing Limited, li taghha l-istess Jason Camilleri huwa direttur, azzjonist u uniku rapprezentant.

3. Illi l-intimat Jason Camilleri jippretendi li kien kera dan il-garaxx minghand Carmel Chetcuti bi skrittura datata 26 ta' April 2018.

4. Illi madankollu, l-imsemmi Carmel Chetcuti qatt ma kien is-sid ta' dan il-garaxx, u qatt ma nghata jedd jew awtorita' li jaghti xi drittijiet fuq dan il-garaxx lil terzi.

5. Illi l-imsemmi Carmel Chetcuti miet ftit gimghat biss wara li saret l-iskrittura msemmija.

6. Illi minkejja li l-esponenti sejhet lill-intimati, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2022, sabiex jivvakaw minn dan il-garaxx u jirrilaxxjawh battal u f'kundizzjoni tajba favur taghha, sal-lum dawn baqghu inadempjenti. B'ittra ufficjali responsiva

tat-18 ta' Mejju 2022, l-intimati insistew li ghandhom titolu validu ta' kiri dwar l-istess garaxx.

7. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi sa fejn taf l-esponenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba taghha ghall-izgumbrament mill-garaxx 41, Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

(ii) tikkundanna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgombraw mill-garaxx fuq imsemmi 41, Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar, u jirrilaxxjawh battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni; u b'rizerva ghall-jedd tal-esponenti ghad-danni minhabba okkupazzjoni illegali li ghad jistghu jirrizultaw dovuti lilha minhabba f'okkupazzjoni illegali.'.

Rat illi l-intimati Jason Camilleri u Jason's Cab Service and Car Rental /Leasing Limited debitament notifikati naqsu milli jattendu ghas-seduta kemm tas-26 ta' Lulju, 2022 u kif ukoll ghas-seduta tallum;

Rat illi l-Qorti in vista li l-intimati naqsu milli jidhru ddikjarat lill-intimat illum stess kontumaci;

Ivverifikat fil-mertu illi mill-kuntratt esebit a fol. 5 et seq tal-process huwa minnu li s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja tal-fond u cioe' l-garaxx numru 41, Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar;

Rat illi mill-atti tirrizulta gustifikata t-talba tas-socjeta' rikorrenti illi l-intimati m'ghandhom l-ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni u ghalhekk jisthoqq li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati sabiex, fi zmien xahar millum jizgombraw mill-garaxx fuq imsemmi 41, Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar, u jirrilaxxjawh battal u f'kundizzjoni tajba favur is-socjeta' rikorrenti Mc Ben's Limited.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Awwissu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Awwissu, 2022**